MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru. 401/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**KONTRA**

**ALBERT CAMILLERI 49 sena, iben Paul u Carmen nee' Baldacchino, imwieled Valletta nhar l-10 ta' Dicembru, 1959, residenti fil-fond Flat 16, Block 13, Door 1, Trejqet il-Liedna, Santa Lucia, detentur tal-karta ta' l-identita' li ggib in-numru 259M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CAMILLERI ALBERT**, li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe' fit-30 ta' Dicembru, 2001, u/jew fil-jiem u xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:
Talli fl-istess cirkostanzi, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, billi kellu mohbija fil-hanut tieghu, u cioe’ gewwa Treats Confectionery, Lilly Street, Santa Lucija 4 pakketti nterni b’mitejn sigarett f’kull pakkett Marlboro homor, kaxxa bi 23 pakkett interni b’mitejn sigarett f’kull pakkett Marlboro homor, kaxxa b’27 pakkett intern b’mitejn sigarett f’kull pakkett Rothmans Blue, kaxxa b’50 pakkett intern b’mitejn sigarett f’kull pakkett Rothmans Blue, pakkett intern b’mija u ghoxrin sigarett Marlboro homor, pakett intern b’sittin sigarett Rothmans Blue, kaxxa bi tnejn u tletin pakkett interni b’mitejn sigarett f’kull pakkett intern Rothmans Boue, u dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta’ Malta minn dazju u taxi li jkun imisshom jithallsu u/jew biex tehles minn xi limitazzjoni, u/jew b’xi mod jiddisponi minnhom. Is-sigaretti in kwistjoni ghandhom valur ta’ Lm334.75, Dazju tas-Sisa ta’ LM942.76c5, liema dazju tas-Sissa ma giex imhallas u/jew kawtelat, taxxa imposta ta’ LM87.76c5, u Taxxa
fuq il-Valur Mizjud li tammonta ghal Lm204.79c0, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60(a), (b), (c) (e) u (k) u l-Artikoilu 62(a), (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), (k), Kapitolu 37 u Artikolu 7(1) u 12(1) ta’ l-Att XXXI ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali, paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, l-Artikoli 16(j) u 17 ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta u bi ksur ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru XXIII ta’ l-1998).

Ikkunsidrat:

Illi essenzjalment id-Difiza ressqet tliet eccezzjonijiet – wahda fuq l-oggetti li nstabu ghand l-akkuzat, barra ghas-

sigaretti, wahda fuq il-fatt illi r-reat ta’ ricetazzjoni mhux applikabbli ghas-sigaretti misjuba ghand l-akkuzat, u t-tielet wahda dwar il-valutazzjoni in relazzjoni mad-dazju dovut allegatament mhux imhallsa fuq is-sigaretti misjuba.

Illi fir-rigward ta’ l-oggetti li gew misjuba ghand Albert Camilleri u elevati mill-Ufficjal Prosekutur, hu ta spjegazzjoni tal-provenjenza taghhom fl-istqarrija tieghu. Qal illi apparti ghal xi ftit minnhom li rcieva bhala rigali, l-ohrajn kienu ghandu bhala rahn.

Issa l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ dak trattanti dwar ir-ricettazzjoni jitkellem dwar kull minn bi xjenza jircievi jew jixtri proprjeta’ li tkun provenjenti minn serq, misapproprijazzjoni jew ottenuta minn xi reat.

L-ebda prova ma ngabet mill-Prosekuzzjoni li nstabu xi oggetti, oltre s-sigaretti li ghandhom il-provenjenza li trid il-Ligi, cioe’ li kienu provenjenti minn serq, misapproprijazzjoni, jew minn xi reat u li l-imputat ghandu xi xjenza ta’ dan – ghaldaqstant tqis illi dan ir-reat mhux ippruvat. Hawn il-Qorti qieghda titkellem dwar il-lampa, stereo Roadstar, equalizer Roadstar, CD tad-ditta AIWA – vide stqarrija a folio 13.

Dwar ir-reat ta’ ricetazzjoni, l-Avukat Difensur fit-trattazzjoni tieghu jsostni li hu guridikament insostenibbli li r-reat ta’ ricettazzjoni huwa wkoll applikabbli ghas-sigaretti li gew misjuba ghand l-akkuzat.

L-akkuzat dwar is-sigaretti fl-istqarrija tieghu (folio 13, DOK AC), jghid fuq domanda ta’ l-Ufficjal Prosekutur:
*‘Is-sigaretti li l-pulizija sabitlek id-dar u fil-hanut kont taf li bil-kuntrabandu?’*
*‘Iva kont naf ghax bla label tad-Dazju’.*

Qal ukoll illi dawn is-sigaretti kien xtrahom minghand persuna li ghalkemm ma kienx jaf min hi, pero kien jaf illi kienet ta’ nazzjonalita’ Gharbija.

Illi kif  gia’ suriferit l-Arikolu 334 jitlob ix-xjenza fuq in-naha ta’ l-agent dwar ir-reita’ ta’ l-provenjenza ta’ l-oggett

akkwistat. Ex admissis dan jirrizulta minn naha ta’ l-imputat.

Ghaldaqstant jirrizulta l-akkwist illegali ta-sigaretti; l-Artikolu 334(b) jitkellem dwar:
*Jekk il-haga tkun gejja minn wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-Ligi, bil-piena li hemm ghal min hekk jakkwista jew izomm;*

Il-fatt illi proprjeta’, hi x’inhi, suggetta ghall-hlas ta’ dazju, giet akkwistata bl-evazjoni ta’ l-istess, certament tikkwalifika bhala proprjeta’ akkwistata b’tali reita’.

Pero l-pussess innifsu taht il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta gia’ jkopri fih innifsu dan ir-reat, cioe’ z-zamma u akkwist ta’ oggetti kontra l-Ligi, ghaldaqstant qieghda tqis dan ir-reat bhala wiehed kompriz u ghalhekk tilliberah mill-istess.

It-tielet eccezzjoni hija fir-rigward tal-valutazzjoni pprezentata fil-konfront tad-dazju, inkluz il-VAT dovut. Fil-fatt gew ipprezentati DOK AC 1 folio 15, letter to prosecute tad-Divizjoni tal-Kummerc mill-Ispettur Christopher Pullicino, letter to prosecute mill-Kontrollur tad-Dwana DOK AC2 folio 16, letter to prosecute tal-Kummissarju tal-VAT DOK AC3 folio 19 ukoll ipprezentata mill-Ispettur Christopher Pullicino.

F’dan ir-rigward telghu jixhdu certu Frank Agius – Spettur tad-Dwana li ghalkemm ikkonferma l-letter to prosecute relattiva, ma kienx f’posizzjoni jispjega kif saret il-valutazzjoni fuq l-oggetti in kwistjoni (sigaretti). Ghalkemm ittella’ jixhed ukoll Ronnie Mangion ghad-Direttur tal-Kummerc, li wkoll ma kellu xejn xi tghid dwar il-valutazzjoni. Fil-fatt l-unika xhud li tela’ jixhed li kien hu stess li rrediga l-letter to prosecute u l-valutazzjoni relattiva kien Paul Scicluna ghall-Kummissarju tal-VAT.

Certament l-ammont ta’ sigaretti maqbuda kien konsiderevoli, vide DOK RA folio 38. Bla dubbju ta’ xejn ma resaq hadd minn naha tal-Kummerc jew Dwana li spjegaw il-valutazzjoni, anzi xhud minnhom Frank Agius

(Dwana) azzarda anke jixhed fuq l-immaginazzjoni folio 23. Illi in kwantu hawn qeghdin fil-Kamp Kriminali, l-Avukat Difensur ghandu ragun illi l-valutazzjoni ma gietx kjarament ippruvata – ghaldaqstant ghandha tapplika l-multa minima msemmija fil-Ligi, Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, allura multa fl-ammont ta’ (hames mija u tnejn u tmenin Ewro, u erbgha u tletin Ewro centezmi(€582.34).

Rat ukoll l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 32 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tilqa’ t-talba tal-Prosekuzzjoni li terz tal-flus dovuti jitqiesu bhala dejn civili u ghalhekk huma dovuti u ghandhom jithallsu lill-Gvern ta’ Malta.

Tqis ghalhekk illi Albert Camilleri huwa hati wara li rat l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikolu 80 ta’ l-Att XXIII/1998 (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta), ghaldaqstant qieghda tikkundannah ukoll ghal multa ta’ €2,013.82;

Rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1);

Rat ukoll l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tqis terz tas-somma hawn imsemmija bhala dejn civili, ghalhekk dovuti u ghandhom jithallsu lill-Gvern ta’ Malta.

Tordna wkoll il-konfisa tas-sigaretti kollha koncernati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------